MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru 360/2004

IL-PULIZIJA
SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO
VS
JOSEPH ATTARD
RODERICK ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati; Joseph Attard, ta' 28 sena, iben Victor u Lorraine nee' Franklin, imwieled il-Pieta', fl-14 ta' Awissu 1975, residenti '24', Dun Guzepp Naudi Street, Ghaxaq, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 457275(M). Roderick Zahra, ta' 19-il sena, iben Nazzareno u Carmen nee' Borg, imwieled il-Pieta' fid-19 ta' Mejju, 1984, residenti 'Red Caren', Triq il-Gibjun, Ghaxaq, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 262484(M).

U akkuzati talli; minn gewwa l-iskola primarja tal-Gudja sitwata fi Triq San Mark, fil-Gudja, nhar it-13 ta' Lulju,

2003, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom television, video recorder u stereo liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

U akkuzati wkoll talli; f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, ghad-dannu tal-Gvernm ta’ Malta;

Illi l-imputat, Joseph Attard wahdu, akkuzat talli; kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza detata 5 ta’ Frar, 2003, fejn hu kien instaghab hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn;

Illi l-istess imputat Joseph Attard, huwa akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fo.32) u ta’ l-imputati a fol 24 u 25) sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Roderick Zahra (a fol. 34);

Semghat il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Joseph Attard a fol.42

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat Attard, zmien ragonevoli ghal repensament.

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni taghhom l-Qorti ssib lil Joseph Attard u Roderick Zahra hatja ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza, waqt li ssib lill-imputat Attard hati wkoll tar-raba’ u hames akkuza li wara li rat Artikolu 261, 263, 264, 267, 279, 280, 325, 49 u 50 Kap.9 Arikolu 7 Kap.446 tqieghed lill-imputat Roderick Zahra taht ‘probation order’ ghal perijodu ta’ tmintax-il xahar taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat u dana in vista ta’ eta’ giovanili tieghu l-fatt li huwa ‘a first offender u rregistra ammissjoni bikrija; tikkundanna lill-imputat Joseph Attard ghal tmintax-il xahar prigunerija u dana in vista tal-fedina penali refrettarja tieghu li ma tippermettix piena alternattiva ghal dik ta’ inkarcerazzjoni.

Il-Qorti tinnota wkoll illi Joseph Attard jehtieglu ghajnuna konsiderevoli u mmedjata sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga li tidher illi hija r-raguni ewlenija ghal twettieq ripetuti tar-reati da parti ta’ l-imputat Attard.

Ghal dan il-ghan, il-Qorti, kif ghamlu ga’ Qrati ohra qabilha qeghda tirrikkomanda lid-Direttur tal-Fakulta’ Kollettiva ta’ Kordin li l-imputat jsegwi program intensiv ta’ reabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan l-istess facilita’. Ghaldaqstant torna kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’ l-istess Fakulta’.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------